MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Numru 279/2005

**Il-Pulizija**
**(Spt. Carlo Ellul)**
**vs**
**Alfred Tabone**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba **Alfred Tabone** ta’ 60 sena, bin Joseph u Beatrice nee’ Taliana, mwieled il-Hamrun nhar l-10 t’Awissu, 1944, residenti f’ 16, Flt 2 ‘San Gaetano’, Triq Joe Sciberras, Hamrun u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 684344(M);

1. talli nhar is-6 ta’ Marzu, 2005 ghall-habta tas-1.20 a.m fil-Hamrun, minghajr hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkagunajt ferita’ ta’ natura gravi (per durata) fuq il-persuna ta’ martek Rosaria Tabone, detentrici tal-karta tal-identita’ bil-numru 310043(M), liema persuna ghalqet l-eta’ ta’ 60

sena kif gie ccertifikat minn Dr. Monica Grech MD, u dan bi ksur tal-Art. 216, 222 u 222A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbejt kontra martek Rosaria sabiex tingurjha, ddejjaqha jew taghmel hsara lil din il-persuna, ghamiltilha ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-kodici, jew jekk kont ipprovokajt, injurjajtha b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza kontra l-imputat tkuen trattata u deciza bil-procedura sommarja u n-niqqas t'oggezzjoni ghall-istess procedura.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat;

Stante ammissjoni l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk issib lill-imputat hati;

Rat l-Art. 216, 222 u 222A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Wara li rat il-fedina penali nadifa tal-imputat kif ukoll semghet id-dikjarazzjoni ta' mart l-imputat li ghal kull buon fini hafret lill-istess imputat;

Minflok li tikkundannah, din il-Qorti qed tilliberrah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor sa zmien tmintax (18)-il xahar mil-lum skond l-Art 22 Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------